

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2018 – ExpressVPN vs EUIPO (EXPRESSVPN)**(Kawża T-265/17) <sup>(1)</sup>

**“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva EXPRESSVPN — Raġuni assoluta għal rifjut — Talba għal bidla — Kap ta' talbiet uniku — Inammissibbiltà”**

(2018/C 112/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: ExpressVPN Ltd (Glen Vine, Il-Gżira ta' Man) (rappreżentant: A. Muir Wood, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Frar 2017 (Każ R 1352/2016-5), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea Nru 1265562 tat-trade mark figurattiva EXPRESSVPN.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ExpressVPN hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 202, 26.6.2017.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2018 – Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża T-14/18)

(2018/C 112/42)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou u E. Chroni)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, safejn din teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerti spejjeż sostnuti mir-Repubblika Ellenika fil-qasam tal-ghajjnuna diretta matul is-sena tat-talba 2014 u li jirrappreżentaw 5 % tal-ammont totali tal-ispejjeż sostnuti għall-finijiet ta' ghajjnuna għall-artijiet agrikoli, f'ammont gross ta' EUR 18 583 893,42 (ammont nett ta' EUR 12 482 555,68);
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tar-Repubblika Ellenika.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-korrezzjoni finanzjarja kkontestata ta' 5 % għall-ghajjnuna għas-superfiċi tal-artijiet agrikoli, ġiet imposta mingħajr raġuni, hija msejsa fuq żball fattwali u tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

- It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005, L 209, p. 1) u tal-Artikolu 53(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni [...] (ĠU 2013, L 347, p. 549), konguntemment mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12(1) sa (6) u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU 2014, L 255, p. 18), kif ukoll fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-linji gwida inklużi fid-dokumenti V1533097 u C(2015) 3675 finali tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2015. Barra minn hekk, ir-Repubblika Ellenika tinvoka il-kumulu mhux awtorizzat ta' korrezzjoni doppja għall-istess raġuni, kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Janjar 2018 – Ir-Repubblika tal-Litwanja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-19/18)

(2018/C 112/43)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriauciūnas, R. Krasuckaitė, R. Dzikovič, G. Taluntytė, V. Vasiliauskienė, M. Palionis u A. Dapkuvienė)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), sa fejn tipprevedi l-impożizzjoni, fuq il-Litwanja, ta' korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 9 745 705,88 fir-rigward tal-infiq marbut mal-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), sa fejn tipprevedi l-impożizzjoni, fuq il-Litwanja, ta' korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 546 351,91 fir-rigward tal-infiq marbut mal-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

- Billi imponiet korrezzjoni ta' EUR 9 745 705,88 għal nuqqas f'kontrolli ewlenin, il-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni") **kisret l-Artikolu 52(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013** sa fejn, meta ddeċidiet dwar il-gravità tan-nuqqas ta' konformità, dwar in-natura tal-ksur u dwar id-dannu finanzjarju kkawżat lill-Unjoni Ewropea u:
  - billi bbażat ruħha fuq interpretazzjoni inkorretta tal-**Artikolu 24(1) u (2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 65/2011**, b'mod żbaljat hija kkonkludiet li l-evalwazzjonijiet tal-eliġibbiltà tal-applikanti mwettqa fil-Litwanja huma insuffiċjenti peress li:
    - il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet Litwani fir-rigward tar-rabta bejn impriża u impriża konnessa jew impriża msieħba li tinsab barra l-pajjiż ma kinux magħmula bir-reqqa meħtieġa għall-għan li l-istatus tal-applikanti jiġi kkonfermat bħala dak ta' impriżi żgħar jew ta' daqs medju;
    - fil-Litwanja, il-monitoraġġ ta' proġetti rrikonoxxuti bħala riskjużi minħabba suspett ta' kundizzjonijiet artifiċjali huwa ineffettiv;